# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Mario Fenech**

**Kumpilazzjoni Numru: 864/14**

**Illum, 25 ta' April, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Fenech detentur tal-karta tal-identita` numru 579255M.

Akkuzat talli nhar l-14/07/2013 ghall-habta tal-17.00 hrs fi Triq Sant Andrija, San, Giljan:

1. Involontarjament, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskurgani, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna offizi ta' natura graavi fuq il-persuna ta' Clotilde Saccassan, skont ma ccertifikat Dr Clive Gauci MD reg. no. 3485; u
2. Involontarjament, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mario Saccassan.

Rat in-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali datata dsatax (19) ta' Novembru 2015 li biha hass li ghandha tinstab htija taht is-segwenti artikoli:-

- Fl-Artikoli 225 u 226 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 225 u 226 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Illi din il-kawza titratta fuq incident awtomobilistiku nhar l-erbatax (14) ta' Lulju 2013, fejn saret kolluzjoni bejn il-karrozza tal-imputat u dik tal-parte civile Mario Saccasan fi Triq Sant Andrija, San Giljan u dan ghal habta tal-5.00 p.m. F'din il-kolluzjoni kienu gew midruba l-istess parte civile Mario Saccasan u l-mara tieghu Clotilde Saccasan li kienet riekba mieghu.

Rat ix-xhieda tat-tobba li ezaminaw liz-zewg vittmi tal-incident u cioe` Mr Alec Sultana li kien gie nominat minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-tlettax (13) ta' Mejju 2014 fejn dan kien ezamina lil Clotilde Saccasan u wasal ghal din il-konkluzjoni (a fol 13 tal-process):

***"Taking all factors and all the clinical findings into consideration,***

> ***I am of the opinion that she sustained a 5% (five percent) disability as a direct result of the injuries she sustained on the 14th April 2013."***

Jinghad illi huwa evidenti illi r-referenza tad-data fil-konkluzjoni ta' Mr Alec Sultana hija erronja izda huwa evidenti mill-bidu tar-rapport illi jittratta fuq l-incident *de quo* peress illi hemm tissemma d-data t-tajba.

Rat ukoll ir-rapport tat-tabib Dr. Massimo Abela li kien gie nominat minn din il-Qorti fuq talba tal-Avukat Generali sabiex jezamina lil Mario Saccasan u sabiex jikkonkludi jekk il-griehi gravi subiti mill-istess kienux gabu l-effett permanenti fuqu, u dan b'digriet datat it-tnejn (2) ta' Marzu 2015 u fejn dan l-inkarigu gie espletat minnu fis-sittax (16) ta' Novembru 2015 bis-segwenti konkluzjoni:-

> ***"Mario Saccasan garrab kontuzjonijiet fuq il-parti tal-lemin tal-kaxxa ta' sidru u l-irkoppop meta kien involut f'incident tat-traffiku fl-14/07/2013. Ghalkemm ma garrabx ksur, rizultat tal-istess kontuzjoni hu zviluppa/gabra ta' demm kbira madwar il-kilwa tal-lemin (retroperitoneal haematoma). Kellu bzon trasfuzjoni tad-demm minhabba l-fatt li d-demm tbaxxilu hafna, izda ma kellux bzonn ta' operazzjonijiet. Jidher li Mr Saccasan irkupra sew mill-griehi li kellu, u illum il-gurnata jilmenta biss minn ugigh intermitten fejn garrab il-kontuzjonijiet. Meta ezaminajtu ma sibt ebda limitazzjoni funzjonali.***
>
> ***Ghaldaqstant l-opinjoni tieghi hi li Mario Saccasan ma soffra ebda dizabilita permanenti rizultat tal-incident tal-14/07/2013".***

**Ikkunsidrat** illi l-imputat gie addebitat mill-Avukat Generali l-addebiti tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Stante li dan l-Artikolu jittratta

fuq qtil involontarju u stante illi jidher illi hadd mill-persuni involuti f'dan l-incident fil-fatt miet, qed jigi ritenut li dan l-Artikolu gie indikat mill-Avukat Generali erronjament.

**Ikkunsidrat** illi l-imputat huwa addebitat bir-reat ta' griehi gravi involontarji taht il-provvedimenti tal-Artikolu 226 (1)(a) u (b) tal-Kodici Penali taghna li jghid hekk:

> ***"(1) Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –***
>
> ***(a) jekk l-offiża tkun gravi u ġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa mhux iżjed minn erbat elef sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75);***
>
> ***(b) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);***
>
> ***(ċ) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet".***

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** li kienet tittratta fuq qtil involontarju izda li japplikaw l-istess principji legali, il-Qorti sostniet is-segwenti:-

> ***"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament***

***adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."***

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Settembru 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-*culpa* f'dawn il-kawzi u fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, l-elementi tal-*culpa* gew identifikati bhala tlieta u cioe:

***1. la volontarieta dell'atto;***

***2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u***

***3. la possibilita di prevedere.***

Illi l-Qorti tinnota li dan il-kaz ma kienx wiehed li l-imputat ma kienx qed josserva xi regolament tat-traffiku bhal per ezempju li kien qieghed b'sewqan eccessiv jew taht xi influwenza ta' xi sustanza izda pjuttost huwa kaz jekk l-imputat kellux *a proper lookout* qabel l-incident.

Illi fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** (deciz fis-26 ta' Mejju, 2004), il-Qorti sostniet illi:

***"Gie appropositu ritenut li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view" (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Joseph Vella [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1961])".***

Illi fid-decizjoni **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd. (1968)**, il-Qrati Inglizi rritenew li:

> ***"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well".***

**Ikkunsidrat** illi, ghalhekk mix-xhieda tal-vittmi Mario u Clotilde Saccasan, minn dik tax-xhud okulari Gabriella Melina Arcidiacono u mix-xhieda tal-imputat Mario Fenech, din il-Qorti thoss li l-incident stradali *de quo* sehh unikament minhabba s-sewqan ta' l-imputat li ma kienx vigilanti bizzejjed meta kien fit-triq tenut kont tal-fatt illi dik il-parti tat-triq ta' Sant Andrija hija xi ftit jew wisq perikoluza ghaliex hemm hafna toroq li jizbukkaw ghal go fiha u kwindi jkun hemm hafna karrozza li jkunu iridu jaqsmu mit-triq principali ghal dawk sekondarji u vice versa.

Ghalhekk jirrizulta li l-kawza prossima tal-incident kien in-nuqqas ta' *proper lookout* da parti tal-imputat fejn huwa seta' jinduna bil-karrozza l-hamra tal-vittmi qabel ma' sehh l-incident u l-incident kien jigi evitat u dan tenut kont tal-fatt illi skond kif xehdet Gabriella Melina Arcidiacono, il-karrozza tal-vittmi kienet miexja bil-mod hafna u ghalhekk kienet certament ben vizibbli meta kienet qed taqsam il-karreggjata sabiex tidhol fit-triq sekondarja. Il-fatt illi l-imputat seta' kellu x-xemx fid-direzzjoni tieghu ma tantx hija skuza sabiex din il-Qorti tezonerah mir-responsabilitajiet tieghu ghaliex kif diga` nghad, it-triq

fejn sehh l-incident hija triq b'vizibilita` tajba hafna minn fejn kien gej l-imputat. Kieku kien aktar attent l-imputat seta' jkollu vizwal tajjeb hafna tal-karrozzi kollha li kienu gejjin mill-karreggjata opposta *multo magis* tal-karrozzi li setghu kienu qeghdin jaqsmu l-karreggjata bhal dik tal-parte civile.

Illi in kwantu ghall-agir tal-parte civile Mario Saccasan meta kien qed isuq jinghad illi l-punt minn fejn kien qed jaqsam il-karreggjata sabiex jidhol fi triq sekondarja n-naha l-ohra tat-triq huwa punt kemmxejn perikoluz izda kif inghad mix-xhud okulari, dan ipproceda billi qasam ghal karreggjata ta' barra bl-*indicator* mixghul, sabiex meta huwa hass li ghandu jaqsam ghamel hekk bil-kalma kollha minflok ma ghaggel halli sabiex jevita xi karrozzi li jkunu telghin minn fejn kien gej l-imputat. Izda gara li saret il-habta meta dan kien qasam in-naha l-ohra u qabel ma kien ser jidhol fit-triq sekondarja biex imur id-dar (vide ritratti Dok MF1 esebiti mill-imputat). Illi allura jigi ritenut illi kien hemm xi element ta' kontributorjeta` minn naha tal-parte civile izda mhux tali li tezonera lill-imputat mill-htija.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali: **<u>Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri</u>** (16/03/1961); **<u>Il-Pulizija vs. John Polidano</u>** (03/11/1963); **<u>Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud</u>** (XXXVII.IV.1131).

Dan ghaliex in-negligenza kontributorja ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tal-parte leza.

**Ikkunsidrat** illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet li gew addebitati lilu u li gew ippruvati, hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura ta' dawn l-imputazzjonijiet u kif ukoll il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta. Illi fuq dan il-punt, l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> ***"Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [s-]sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti. Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa".***

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 226 (1) (a)(b) tal-Kapitolu 9tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **Mario Fenech** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannah ghal multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500)

filwaqt li a bazi tal-Artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ukoll sabiex ihallas is-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin Ewro (EUR 525) bhala spejjez peritali nominati f'dawn il-proceduri.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**